MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2011

Numru 324/2005

Il-Pulizija
(Spett Daniel Zammit)

vs

Stefania Briffa

Rat it-tahrika kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ numru 549675(m) talli fil-25 ta’ Jannar 2004 ghal habta tat-8.00am f’Tower Road, Sliema, saqet vettura numru STF100:

(1) b’manjiera perikoluza, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, habtet ma’ vettura numru IAS125 u involontarjament ikkagunatilha hsarat ghad-dannu ta’ Grezzju Vella;
(2) u aktar involontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi per durata fuq l-istess Grezzju Vella skond kif

iccertifikaw Dr Michael Spiteri M.D ta' S.L.H u Dr Charles Swain M.D.

Il-Prosekuzzjoni talbet li tigi skwalifikata mill-licenzji taghha tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet presentata mid-difiza;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident awtomobilistiku li sehh fil-gurnata, hin u lok li ghalihom tirreferi l-imputazzjoni fil-waqt li l-imputata kienet qeghdha issuq il-vettura taghha numru STF100 mid-direzzjoni ta' San Giljan lejn tas-Sliema u l-parti leza kien qed issuq il-vettura tieghu numru IAS125 f'direzzjoni opposta. Il-habta saret sewwa sew f'dik il-parti ta' Triq it-Torri li tigi fejn hemm 'kjosk' faccjata ta' Triq Amery u biswit l-istabbiliment tal-ikel jismu 'Ta' Kolina'.

Illi tnejn huma l-fatturi li jinhtiegu risposta f'dan il-gudikat. L-ewwel: jekk l-imputata ghandhiex tigi mizmuma responsabbli ghall-kollizjoni u fl-liema grad, jigifieri, jekk minhabba nuqqas ta' hsieb, jew traskuragni, jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew minhabba nuqqas ta' tharis ta' regolamenti; it-tieni: f'kaz li l-imputata tigi misjuba responsabbli ghall-kollizjoni, n-natura u l-entita' tal-griehi sofferti mill-parti leza fl-ambitu tal-Artikolu 226 tal-Kap 9.

Trattat l-ewwel punt l-Qorti m'ghandha ebda esitazzjoni li tghid u zzomm l-imputata bhala unika responsabbli ghall-kollizjoni u konsegwenti griehi sofferti mill-parti leza u tal-hsarat subiti lill-vettura misjuqa u proprjeta' ta' Vella.

Fil-kuntest ta’ l-ewwel punt, anke jekk wiehed kellu jelimina l-iskizz redatt mis-surgent li investiga l-kollizjoni, l-unika spjegazzjoni ghaliha hi li sehhet minhabba oltre passar ta’ vettura da parti mill-imputata. Hemm xhieda okkulari li jasserixxu li l-parti leza kien qieghed fuq il-karreggjata tieghu.

Dwar it-tieni punt koncernanti principalment in natura u l-entita’ tal-griehi sofferti mill-parti leza hemm x-xhieda abbastanza elokwenti tal-kirurgu it-Tabib David Gatt li tispjega l-menomazzjoni, apparti l-ugigh, li sofra u qeghda isofri l-parti leza per konsegwenza diretta tal-incident.

Fuq il-hsarat ikkagunati lill-vettura tal-parti leza, cioe’ dik bin-numru IAS125, l-imputata hija akkuzata li kkawzat l-istess involontarjament. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ghal din il-parti tal-imputazzjoni r-reat bhala tali mhux sostenibbli stante li hi l-fehma taghha li l-Artikolu 328 tal-Kap 9 mhux applikabbli ghall-hsarat involontarji bhal dawn in meritu li mkien m’huma indikati fis-sub-titolu IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kap 9.

Inghad dan issib l-imputata hatja talli fil-25 ta’ Jannar 2004 ghal habta tat-8.00am f’Triq it-Torri tas-Sliema saqet vettura numru STF100 bi traskuragni u habtet ma’ vettura numru IAS125 u aktar li involontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi per durata fuq Grezzju Vella.

Rat ghal finijiet ta’ piena l-Artikolu 226(1)(a), 216(1)(a)(iii)(d), 218(1)(a) tal-Kap 9, l-Artikolu 15(2)(3) tal-Kap 65. Tikkundannha multa ta’ 5,000 Ewro u tiskwalifikha mill-licenzi taghha tas-sewqan ghal-tmien t’ijiem minn ghada.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------